31998L0051

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 98/51/KE

tad-9 ta' Lulju 1998

li tistabbilixxi ċerti miżuri għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 95/69/KE li tistabbilixxi il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għall-approvazzjoni u għar-reġistrazzjoni ta' ċerti stabbilimenti u intermedjarji li joperaw fis-settur ta' l-għalf ta'l-annimali

(Test b'relevanza għall-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat d- Direttiva tal-Kunsill 95/69/KE tat-22 ta' Diċembru 1995 li tniżżel il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għall-approvazzjoni u għar-reġistrazzjoni ta' ċerti stabbilimenti u intermedjarji li joperaw fis-settur ta' l-għalf tal-bhejjem u li temenda d-Direttivi 70/524/KEE, 74/63/KEE, 79/373/KEE u 82/471/KEE ([1]) hawnhekk iżjed il-quddiem msejjaħ id-'Direttiva 95/69/KE', u b'mod partikolari l-Artikolu 15 ta' dan,

Billi din id-Direttiva stabbiliet regoli fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni u għar-reġistrazzjoni ta' dawn l-istabbilimenti li jinsabu ġewwa l-Komunità; billi jridu jiġu addottati dispożizzjonijiet ekwivalenti għall-approvazzjoni u għar-reġistrazzjoni ta' stabbilimenti li jinsabu f'pajjiżi terzi;

Billi l-għażla ta' dawn il-pajjiżi trid tkun ibbażata fuq kriterji ta' tip ġenerali bħar-regoli fis-seħħ fil-qasam tal-produzzjoni ta' għalf ta' l-annimali u l-organizzazzjoni u l-poteri ta' l-awtorita' kompetenti responsabbli għall-kontrolli f'dan il-qasam;

Billi jrid jiġi żgurat li dawn l-istabbilimenti li jinsabu f'pajjiżi terzi jissodisfaw ta' mill-inqas kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk stipulati għall-istabbilimenti li jinsabu fl-Istati Membri, sabiex jiġi żgurat li l-prodotti li ġejjin minnhom ma joħolqux riskji għas-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali jew għall-ambjent;

Billi trid tiġi prevista l-possibiltà li esperti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri jivverifikaw f'pajjiżi terzi ir-rispett lejn ir-regoli stipulati mid-Direttiva presenti;

Billi l-lista ta' pajjiżi terzi u ta' l-istabbilimenti tagħhom għandha tkun is-soġġett ta' Deċiżjonijiet implimentattivi ulterjuri;

Billi huwa neċessarju, sabiex ma jiġix interrott il-kummerċ ma' pajjiżi terzi, li jkun hemm arranġamenti transizzjonali għall-bidla mis-sistema qadima ta' awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għall-ġdida, waqt li l-iffunzjonar sħiħ tar-reġim il-ġdid ikun għadu pendenti;

Billi, waqt li l-adozzjoni tal-listi ta' stabbilimenti li jinsabu f'pajjiżi terzi tkun għadha pendenti, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-informazzjoni dwar l-istabbilimenti li jinsabu f'pajjiżi terzi awtorizzati biex ipoġġu prodotti f'ċirkolazzjoni ġewwa l-Komunità u li għandhom rappresentant fit-territorju tagħhom;

Billi għandhom jiġu addottati arranġamenti uniformi sabiex jiġi definit mudell kemm għar-reġistru ta' stabbilimenti approvati u intermedjarji kif ukoll għall-lista ta' stabbilimenti u intermedjarji reġistrati;

Billi għandhom jiġu addottati arranġamenti uniformi li jiddefinixxu l-istruttura kemm għan-numru ta' approvazzjoni kif ukoll għan-numru ta' reġistrazzjoni ta' l-istabbilimenti u intermedjarji;

Billi l-miżuri previsti minn din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Għalf tal-Bhejjem,

ADOTTAT DIN ID- DIRETTIVA:

Il-KAPITOLU I

Definizzjonijiet

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva 'awtorità kompetenti' tfisser l-awtorità ta' l-Istat Membru jew pajjiż terz responsabbli għal kontrolli uffiċjali fil-qasam tan-nutriment ta' l-annimali.

Il-KAPITOLU II

Lista ta' pajjiżi terzi

Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni, waqt li tiddeċiedi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16 tad- Direttiva 95/69/KE għandha tistabbilixxi il-lista msemmija fl-Artikolu 15(a), l-ewwel inċiż, ta' l-imsemmija Direttiva. Il-lista tista' tiġi modifikata jew integrata skond l-istess proċedura.

([1]) ĠU L 332, tat-30.12.1995, p. 15.

2. Waqt li tkun qiegħda tiddeċiedi jekk pajjiżi jistax jidher fuq il-lista msemmija fil-paragrafu 1 irid jiġi meqjus jekk:

(a) il-leġislazzjoni ta' dak il-pajjiż fis-settur ta' l-għalf ta' l-annimali u b' mod partikolari r-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-manufattura u mat-tqegħid f'ċirkolazzjoni ta' prodotti u sustanzi intenzjonati biex jintużaw f'nutriment ta' annimali u r-regoli ta' kontroll;

(b) l-istruttura u l-organizzazzjoni ta' l-awtorità kompetenti, kif ukoll il-poteri disponibbli għal dik l-awtorità kompetenti u l-garanziji li hija tista' tipprovdi fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' regoli Komunitarji;

(ċ) l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' kontrolli adegwati fis-settur ta' għalf ta' l-annimali;

(d) il-garanziji li dak il-pajjiż terz jista' jagħti dwar il-konformità ma' standards ta' mill-inqas ekwivalenti għal dawk mniżżlin fl-Anness tad-Direttiva 95/69/KE.

3. 3.Id-deċiżjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu pubblikati; kull ħames snin għandha tiġi pubblikata lista konsolidata.

Il-KAPITOLU III

Approvazzjoni ta' stabbilimenti li jinsabu f'pajjiżi terzi

Artikolu 3

Lista ta'stabbilimenti approvati

1. Il-Kummissjoni, waqt li tiddeċiedi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16 tad- Direttiva 95/69/KE, u fuq il-bażi ta' komunikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 2(1), għandha tistabbilixxi il-listi ta' stabbilimenti li jinsabu f'pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 2(a), (b), (ċ) u (d) ta' l-imsemmija Direttiva. Il-lista tista' tiġi modifikata skond l-istess proċedura:

— b'mod konformi mar-risultat ta' l-ispezzjonijiet previsti fl-Artikolu 5, jew

— fuq il-bażi ta' riżultati mhux favorevoli mwettqa fuq prodotti impurtati, jew

— sabiex tiġi meqjusa informazzjoni ġdida li tintbgħat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz.

2. Stabbiliment jista' jidher fuq il-lista biss:

— jekk ikun jinsab f'wieħed mill-pajjiżi fuq il lista msemmija fl-Artikolu 2(1),

— jekk jikkonforma mal-ħtiġiet ta' mill-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid- Direttiva 95/69/KE.

3. Id-deċisjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu pubblikati; kull ħames snin, għandha tiġi pubblikata lista konsolidata.

Il-KAPITOLU IV

Reġistrazzjoni ta' stabbilimenti li jinsabu f'pajjiżi terzi

Artikolu 4

Listi ta' stabbilimenti reġistrati

1. Il-Kummissjoni, waqt li tiddeċiedi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 95/69/KE, u fuq il-bażi ta' komunikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1), għandha tniżżel il-listi ta'stabbilimenti li jinsabu f'pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 7(2)(a), (b), u (ċ) ta' l-imsemmija Direttiva. Il-lista tista' tiġi modifikata skond l-istess proċedura:

— b' mod konformi mar-riżultat ta' l-ispezzjonijiet previsti fl-Artikolu 5, jew

— fuq il-bażi ta' riżultati mhux favorevoli mwettqa fuq prodotti impurtati, jew

— sabiex tiġi meqjusa informazzjoni ġdida li tintbgħat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz.

2. Stabbiliment jista' jidher fuq il-lista biss:

— jekk ikun jinsab f'wieħed mill-pajjiżi fuq il-lista msemmija fl-Artikolu 2(1),

— jekk jikkonforma mal-ħtiġiet ta' mill-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid- Direttiva 95/69/KE.

3. Id-deċiżjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu pubblikati; kull ħames snin, għandha tiġi pubblikata lista konsolidata.

Il-KAPITOLU V

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 5

Kontrolli fuq il-post

1. Jistgħu jsiru kontrolli fuq il-post minn esperti tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri, fejn meħtieġ, sabiex jiġi verifikat jekk id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, u b' mod partikolari dawk ta' l-Artikoli 2(2), 3(2) it-tieni inċiż u l-Artikolu 4(2) it-tieni inċiż qegħdin attwalment jiġu applikati.

L-esperti mill-Istati Membri għandhom jiġu maħtura mill-Kummissjoni, li għandha taġixxi fuq proposta mill-Istati Membri.

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar ir-riżultati ta' l-ispezzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1.

Il-KAPITOLU VI

Arranġamenti transitorji

Artikolu 6

1. Waqt li d- deċisjonijiet msemmija fl-Artikolu 2(1), l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 4(1) ikunu għadhom pendenti, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw biss l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' prodotti msemmija fl-Artikoli 3 u 4 minn stabbilimenti li għandhom rappresentant stabbilit ġewwa l-Komunità.

Huma għandhom jesiġu li l-isem u l-indirizz tar-rappresentant stabbilit ġewwa l-Komunità jidher faċċata l-isem u l-indirizz tal-manifattur fuq ir-reġistru u fuq il-lista msemmija fl-Artikolu 8.

2. Ir-rappresentanti msemmija fil-paragrafu 1 li jkollhom ħsieb li jeserċitaw għall-ewwel darba l-attività tagħhom għandhom, sa mill-1 ta' Jannar 1999 jissottomettu dikjarazzjoni lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fejn huma jinsabu u fejn huma jimpenjaw ruħhom li:

— jagħmlu ċert li l-istabbiliment jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 3(2) jew it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(2), skond kif applikabbli,

— jżommu reġistru ta' prodotti msemmija fl-Artikoli 3 u 4, skond kif applikabbli, li l-istabbilimenti li huma jirrappresentaw qegħdu f'ċirkolazzjoni ġewwa l-Komunità, skond id-dispożizzjonijiet relevanti stabbiliti fl-Anness tad- Direttiva 95/69/KE.

3. Rappresentanti msemmmija fil-paragrafu 1 li, fil-31 ta' Diċembru 1998, kienu attivi, jistgħu jkomplu l attivitajiet tagħhom fuq kundizzjonijiet li jissottomettu d-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 qabel l-1 ta' Mejju 1999.

4. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu li l-prodotti li jiġu minn stabbiliment jitħallew jiċċirkulaw b'mod ħieles ġewwa l-Komunità:

(a) jekk ir-rappresentant tiegħu ġewwa l-Komunità ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tal-paragrafi 2 jew 3: jew

(b) jekk, fl-ewwel lok, l-istabbiliment jew ir-rappresentant ma jissodisfax iktar xi kundizzjoni essenzali applikabbli għall-attivitajiet tagħhom fuq il-bażi tar-riżultati:

— tal-kontrolli fuq il-prodotti impurtati, jew

— ta' spezzjoni fuq il-post msemmija fl-Artikolu 5,

u jekk, fit-tieni lok, l-istabbiliment jew ir-rappreżentant ma jikkonformawx m' dik il-kundizzjoni fi żmien raġonevoli.

Artikolu 7

1. Waqt li d-deċiżjonijiet msemmija fl-Artikolu 2(1), l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 4(1) ikunu għadhom pendenti, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn għall-ewwel darba qabel it-30 ta' Ġunju 1999 kopja tar-reġistru u tal-lista msemmija fl-Artikolu 8 ta' l-istabbilimenti msemmija fl-Artikolu 6(1).

2. Kull emendi li jsiru fir-reġistru u fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 wara t-30 ta' Ġunju 1999 għandhom jintbagħtu separatament lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

Il-KAPITOLU VII

Reġistru u lista ta' stabbilimenti u intermedjarji; approvazzjoni u numru ta' reġistrazzjoni

Artikolu 8

Ir-reġistru msemmi fl-Artikolu 5(1) u l-lista msemmija fl-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 95/69/KE iridu jsiru skond il-mudell stabbilit rispettivament fil-Kapitoli I.1 jew I.2 ta' l-Anness ta' din id- Direttiva.

Artikolu 9

In- numru ta' approvazzjoni msemmi fl-Artikolu 5(1) u n-numru ta' reġistrazzjoni msemmi fl-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 95/69/KE għandhom ikunu skond il-forma li tinsab f'Kapitolu II ta' l-Anness ta' din id-Direttiva.

Il-Kapitolu VIII

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 10

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 1998 il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva, u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan immedjatament.

Huma għandhom japplikaw dawn id- dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 1999.

Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jinkludu referenza għal din id- Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b' din ir-referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Id-dettalji tar-referenza għandhom jiġu iffissati mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-testijiet tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam regolat minn din id- Direttiva.

Artikolu 11

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 12

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-9 ta' Lulju 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Il-KAPITOLU I

I.1. **REĠISTRU TA' STABBILIMENTI/INTERMEDJARJI APPROVATI**

(Artikolu 5(1) tad- Direttiva 95/69/KE)

1	2	3	4	5	6
Numru ta' approvazzjoni	Kodiċi ta' l-attività (1)	Isem jew isem kummerċjali (2)	Indirizz (3)	Noti relatati ma' l-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/524/KEE (4)	Rimarki

(1) A = stabbilimenti msemmija fl-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 95/69/KE.
B = stabbilimenti msemmija fl-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 95/69/KE.
C = stabbilimenti msemmija fl-Artikolu 2(2)(c) tad-Direttiva 95/69/KE.
D = stabbilimenti msemmija fl-Artikolu 2(2)(d) tad-Direttiva 95/69/KE.
E = stabbilimenti msemmija fl-Artikolu 2(2)(e) tad Direttiva 95/69/KE.
F = stabbilimenti msemmija fl-Artikolu 2(2)(f) tad-Direttiva 95/69/KE.
I = stabbilimenti msemmija fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 95/69/KE.

(2) Isem jew isem kummerċjali ta' l-istabbiliment/intermedjarju u tar-rappreżentant, fejn applikabbli.

(3) Indirizz ta' l-istabbiliment/intermedjarju u tar-rappreżentant, fejn applikabbli.

(4) (1) = 'Manufatturi ta' għalf ta' l-annimali kompost awtorizzati sabiex jużaw proporzjon minimu ta' 0,05 % bil-piż ta' premisti' msemmija fl-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 70/524/KEE.

(2) = 'Fabbrikanti ta' għalf ta' l annimali awtorizzati biex iżidu antibiotiċi, koċċidjostati u sustanzi mediċinali ohrajn, kif ukoll sustanzi li jgħinu t-tkabbir direttament ma' għalf ta' l-annimali kompost kif msemmija fl-Artikolu 13(4)(b) tad-Direttiva 70/524/KEE.

(3) = 'Fabbrikanti ta' għalf ta' l-annimali kompost awtorizzati biex iżidu ramm, selenjum u vitamini A u D direttament ma' għalf ta' l-annimali kompost kif msemmija fl-Artikolu 13(4)(b) tad-Direttiva 70/524/KEE.

I.2. **LISTA TA' STABBILIMENTI/INTERMEDJARJI REĠISTRATI**

(Artikolu 10(1) tad- Direttiva 95/69/KE)

1	2	3	4	5	6
Numru ta' reġistrazzjoni	Kodiċi ta' l-attivita' (1)	Isem jew isem kummerċjali (2)	Indirizz (3)	Noti relatati ma' l-Artikolu 13tad-Direttiva 70/524/KEE (4)	Rimarki

(1) A = stabbilimenti msemmija fl-Artikolu 7(2)(a) tad-Direttiva 95/69/KE.
B = stabbilimenti msemmija fl-Artikolu 7(2)(b) tad-Direttiva 95/69/KE.
C = stabbilimenti msemmija fl-Artikolu 7(2)(c) tad- Direttiva 95/69/KE.
D = stabbilimenti msemmija fl-Artikolu 7(2)(d) tad-Direttiva 95/69/KE.
I = stabbilimenti msemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/69/KE.

(2) Isem jew isem kummerċjali ta' l-istabbiliment/intermedjarju u tar-rappresentant, fejn applikabbli.

(3) Indirizz ta' l-istabbiliment/intermedjarju u tar-rappresentant, fejn applikabbli.

(4) (1) = 'Fabbrikanti ta' ghalf ta' l-annimali kompost awtorizzati sabiex jużaw proporzjon minimu ta' 0,05 % bil-piż ta' premisti msemmija fl-Artikolu 13(3) tad- Direttiva 70/524/KEE.
(2) = 'Fabbrikanti ta' ghalf ta' l-annimali kompost awtorizzati biex iżidu ramm, selenjum u vitamini A u D direttament ma' ghalf ta' l-annimali kompost kif msemmija fl-Artikolu 13(4)(b) tad-Direttiva 70/524/KEE.

Il-KAPITOLU II

In-numru t'approvazzjoni msemmi fl-Artikolu 5(1) u n-numru ta' reġistrazzjoni msemmi fl-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 95/69/KE irid ikollhom l-istruttura li ġejja:

1. Il-karattru 'a' jekk l-istabbiliment jew l-intermedjarju huwa approvat.
2. Il-kodiċi ISO ta' l-Istat Membru jew tal-pajjiż terz fejn jinsab l-istabbiliment jew l-intermedjarju,
3. In- numru ta' referenza nazzjonali b' massimu ta' tmien karattri alfanumeriċi.